



# Surmast Emmanuele Gauci

*1947 – 1950*



Sfortunatament il-Każin tal-Banda għandu ftit informazzjoni fuq l-ewwel Surmast tal-Banda San Pawl, li kien Mro. Emmanuele Gauci, raġel ta' l-arti, iħobbha u jqimha, għaliha jissagrifika butu u saħħtu. Huwa xtara l-mużika addattata u meħtieġa; huwa saħaq kemm felaħ fuq l-alljevi bil-lezzjonijiet u l-kunċerti. Wasal iż-żmien fejn għall-ewwel darba nxtraw leġiji u nhar il-Festa ta' Marija Addolorata f'Lulju 1948, f'San Pawl il-Baħar twettaq l-ewwel program fost il-ferħ ta' kulħadd. Fis-16 ta' Ottubru ta' l-istess sena, il-Banda San Pawl ġiet mistiedna f'Burmarrad fejn daqqet it-tieni programm, u minn dak in-nhar 'l hawn il-programmi ġewwa u barra San Pawl il-Baħar flok naqsu żdiedu b'mod li fl-1949, din il-Banda wettqet 14-il programm: 5 San Pawl il-Baħar, 2 Ħal Qormi, 1 Ħal Lija, 2 il-Belt Valletta, 1 Għajn Tuffieħa, 1 Furjana, 1 Ħaż-Żebbuġ u 1 Rabat Malta. Fl-1950 wettqet 5 programmi, fl-1951 wettqet 8 programmi, fl-1952 wettqet 12-il programm. Veru kwadru sabiħ ta' attività kulturali. Is-Surmast Gauci temm il-kariga tiegħu f'Ottubru 1950 fejn fiha nħatar is-Surmast il-ġdid tal-Banda San Pawl, Mro. Salvinu Vella.

MAGLIA

SCREEN PRINTERS



We print T-Shirts,
Tea Towels, Sweaters, etc...

73, Store 4, Triq il-Ballut, Mosta. Malta
Tel: 21 431411 • Mobile: 9947 0120 • E-mail: maglia@waldonet.net.mt